Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2298/2001**

tas-26 Novembru 2001

li jipprovdi r-regoli dettaljati għall-esportazzjoni tal-prodotti provduti bħala għajnuna ta' l-ikel

(ĠU L 308, 27.11.2001, p. 16)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 688/2004 ta' l-14 ta' April 2004	L 106	15	15.4.2004
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2080/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004	L 330M	142	9.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1847/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006	L 330M	414	9.12.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2298/2001

tas-26 Novembru 2001

li jipprovdi r-regoli dettaljati għall-esportazzjoni tal-prodotti provduti bħala għajnuna ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazzjoni tas-suq komuni taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2000 [2], u partikolarment l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 13(11) li joħorġu minnu, u d-dispożizzjonijiet li jikkorispondu mar-Regolamenti l-oħra fuq l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-prodotti agrikoli,

Billi:

(1) Għall-fini ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 fuq il-politika ta' l-għajnuna ta' l-ikel u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna ta' l-ikel u operazzjonijiet speċjali bħala appoġġ għas-sigurtà ta' l-ikel [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1726/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2519/97 [5] iniżżel regoli ġenerali għall-mobilitazzjoni tal-prodotti li għandhom ikunu provduti bħala għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità.

(2) Ir-regoli tal-mobilitazzjoni ta' hawn fuq jinvolvu l-applikazzjoni tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fil-każ ta' mobilitazzjoni fil-Komunità. Iżda, hemm bżonn ikunu preskritti regoli speċjali li jirregolaw ċerti aspetti b'deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jniżżel regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet fuq prodotti agrikoli [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 90/2001 [7]. Biex ikunu garantiti l-kondizzjonijiet kompetittivi li japplikaw għat-twassil fid-data tat-tfiġħ ta' l-offerti ma jinbidlux wara l-għoti tal-kuntratti bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' ċerta modi tekniċi li jistgħu jaġġustaw ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet bħala funzjoni tad-data ta' l-esportazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex jitneħħew ċerti regoli li japplikaw għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli u li tagħti rifużjoni ta' l-esportazzjonijiet li hija l-istess għal dawk kollha li tefgħu l-offerti u tibqa' ma tinbidilx minkejja d-data proprja ta' l-esportazzjoni.

(3) Biex jiggarantixxu li d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq huma applikati sew, regoli ta' amministrazzjoni rigward il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jitniżżlu li jidderogaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jniżżel regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati fissi bil-quddiem tal-prodotti agrikoli [8], kif l-aħħar emendat

(1) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
(2) ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 1.
(3) ĠU L 166, tal-5.7.1996, p. 1.
(4) ĠU L 234, ta' l-1.9.2001, p. 10.
(5) ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 23.
(6) ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.
(7) ĠU L 14, tat-18.1.2001, p. 22.
(8) ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, p. 1.

▼B

bir-Regolament (KE) Nru 1095/2001 [1]. Għal dak l-iskop, il-garanzija tat-twassil mitfugħa minn dak li tefa' l-offerta b'suċċess għall-operazzjoni ta' l-għajnuna ta' l-ikel bħala assigurazzjoni li jwettaq l-obbligi tiegħu ta' provisti skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2519/97 għandha tkun kunsidrata biżżejjed ukoll biex tiggarantixxi r-rispett ta' l-obbligi li joħorġu minn dawk il-liċenzji.

(4) Provisti mwettqa taħt ir-Regolament (KE) Nru 2519/97 għandhom ikunu kunsidrati bħala għajnuna ta' l-ikel skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim ta' l-Agrikoltura fil-kuntest tas-Sensiela Urugwajana.

(5) Rigward l-għajnuna nazzjonali ta' l-ikel, dan ir-Regolament japplika biss għall-għajnuna li hija skond il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 10(4) tal-Ftehim ta' l-Agrikoltura fil-kuntest tas-Sensiela Urugwajana. L-istess derogi tar-Regolamenti (KE) Nru 800/1999 u (KE) Nru 1291/2000 għandhom japplikaw għal dawk l-operazzjonijiet kif japplikaw għall-għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità.

(6) Rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet għall-għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità jitħallsu biss għall-kwantitajiet esportati b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 800/1999 u biss jekk jittieħdu b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 2519/97.

(7) Rigward ir-rata tar-rifużjoni ta' l-għajnuna nazzjonali ta' l-ikel, ir-regola provduta fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jniżżlu regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 rigward il-liċenzji ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1923/2001 [3], u fl-Artikolu 11(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95 tat-23 ta' Mejju 1995 li jniżżel regoli speċjali dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni għaċ-ċereali u r-ross [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 409/2001 [5], li bih ir-rifużjoni applikabbli hija dik iffissata u ppubblikata qabel ma jintefgħu l-offerti, għandha tkun applikata.

(8) L-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet orizzontali rigward ir-rata tar-rifużjoni applikabbli għall-azzjonijiet nazzjonali ta' l-għajnuna ta' l-ikel tfisser li d-dispożizzjonijiet settorali eżistenti għandhom jitħassru.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/98 tat-30 ta' Jannar 1998 li jniżżel regoli dettaljati għall-esportazzjoni tal-prodotti provduti mill-għajnuna tal-Komunità ta' l-ikel [6] għandu jinbidel sabiex isiru l-bidliet li hemm bżonn u għall-iskopijiet ta' ċlarezza u effiċjenza amministrattiva.

---

[1] ĠU L 150, tas-6.6.2001, p. 25.
[2] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.
[3] ĠU L 261, tad-29.9.2001, p. 53.
[4] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2.
[5] ĠU L 60, ta' l-1.3.2001, p. 27.
[6] ĠU L 25, tal-31.1.1998, p. 39.

▼B

(10) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitati Amministrattivi konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' eċċezzjoni adottati mill-Kummissjoni għal operazzjonijiet speċjali, dan ir-Regolament ma japplikax għall-esportazzjoni tal-prodotti koperti mir-regolamenti fuq l-organizzazzjoni tas-suq komuni mniżżla fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 fejn il-prodotti huma pprovduti bħala għajnuna tal-Komunità ta' l-ikel taħt ir-Regolament (KE) Nru 1292/96 u mobilizzat fil-Komunità skond ir-regoli ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 2519/97.

Għandu japplika *mutatis mutandis* fejn il-prodotti msemmija fil-paragrafu ta' qabel huma provduti bħala għajnuna nazzjonali ta' l-ikel implimentat mill-Istati Membri, iżda suġġetti għal miżuri nazzjonali speċifiċi fuq l-organizzazzjoni u l-assenjament ta' dawn l-operazzjonijiet.

L-Artikolu 2

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, ir-rifużjoni ta' l-esportazzjonijiet li għandha titħallas tkun dik applikabbli fid-data speċifikata fl-istrument legali li jniżżel il-kondizzjonijiet speċjali li taħthom l-operazzjoni ta' l-għajnuna tal-Komunità ta' l-ikel għandha titwettaq (minn issa 'l quddiem msemmija bħala "l-avviż ta' l-offerta").

Fil-każ ta' l-għajnuna nazzjonali ta' l-ikel msemmija fl-Artikolu 1, ir-rata applikabbli ta' rifużjoni tkun dik li tapplika fid-data meta l-Istat Membru jiftaħ l-istedina għall-offerti għall-provista fil-kwistjoni.

2. Fil-każ ta' provista ta' xogħlijiet ta' qabel jew ta' trasport b'xejn u ħielsa fil-port tat-trasport bil-vapur, il-limitu ta' żmien li matulu l-prodotti jridu jitilqu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità, imniżżla fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, ma jgħoddux.

3. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet li jniżżlu aġġustament mill-ġdid ta' l-ammonti fissi bil-quddiem, ir-rifużjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx suġġetta għal xi aġġustament jew korrezzjoni.

L-Artikolu 3

1. L-eliġibilità għar-rifużjoni tkun bil-kondizzjoni li tkun preżentata l-liċenzja ta' l-esportazzjoni, li tinkludi r-rifużjoni fissa bil-quddiem msemmija fl-Artikolu 2(1), li tkun applikata biex titwettaq l-operazzjoni kkonċernata ta' l-għajnuna ta' l-ikel. Il-liċenzja tkun valida biss għall-esportazzjoni li għandha titwettaq f'dan il-kuntest.

Bħala deroga mill-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-perjodu ta' validità tal-liċenzja jista' jkun estiż mill-awtorità kompetenti fuq talba bil-miktub u ġustifikata ta' dak li tefa' l-offerta b'suċċess (minn issa 'l quddiem imsemmi bħala "dak li qed jipprovdi").

▼B

Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni tkun valida biss għall-kwantità indikata fil-kaxxa numru 17 tal-liċenzja u li għaliha l-applikant ġie dikjarat dak li qed jipprovdi. Il-kaxxa numru 19 tal-liċenzja jkun fiha l-figura "0".

2. L-applikazzjonijiet għall-liċenzji jkunu akkumpanjati bl-evidenza li l-applikant huwa dak li qed jipprovdi l-għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità. Din l-evidenza tkun provduta b'kopja tal-komunikazzjoni mibgħuta lilu mill-Kummissjoni fejn tinfurmah li huwa dak li se jipprovdi l-għajnuna ta' l-ikel fil-kwistjoni u, jekk mitlub mill-aġenzija tal-ħruġ, kopja ta' l-avviż ta' l-offerti.

Il-liċenzji jinħarġu biss jekk evidenza hija provduta li l-garanzija tat-twassil msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2519/97 saret. Li ssir il-garanzija titqies li saret il-garanzija tal-liċenzja. Il-kelma "eżentata" tiddaħħal għalhekk fil-kaxxa numru 11 tal-liċenzja.

▼M2

3. ►M3 Fid-dokument użat biex issir l-applikazzjoni għar-rimborż imsemmija fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 u flimkien mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, fil-kaxxa 20 ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji u l-liċenzja ta' l-esportazzjoni nnifisha, waħda mill-entrati mniżżla fl-Anness għandha tiġi inkluża. ◄

In-numru tal-azzjoni li għandu jiġi indikat hu dak li jidher fl-avviż ta' sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, il-pajjiż ta' destinazzjoni għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 7 fit-talba għal liċenzja u tal-liċenzja.

▼B

L-Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, il-ħlas tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni dwar l-għajnuna tal-Komunità ta' l-ikel issir skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 u, b'deroga mill-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament, mal-preżentazzjoni ta' kopja taċ-ċertifikat tal-pussess jew ċertifikat tal-wasla riferut fl-Artikolu 17(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 2519/97, attestat bħala kopja vera mill-uffiċċju tal-Kummissjoni fejn jintbagħtu l-offerti skond l-avviż ta' l-offerti.

Il-ħlas tar-rifużjoni riferut fl-Artikolu 2(1) isir rigward il-kwantità netta aċċettata li tidher fuq iċ-ċertifikat tal-pussess jew tal-wasla.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ma japplikax fejn ir-rifużjoni mitluba hija għola mir-rifużjoni dovuta għall-esportazzjoni rilevanti bħala riżultat taċ-ċirkostanzi jew ġrajjiet barra l-kontroll ta' dak li qed jipprovdi li jiġru wara li titlesta l-operazzjoni tal-provista skond l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 13(7), l-Artikolu 14(11) jew l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 2519/97.

Fejn il-pajjiż ta' destinazzjoni jitbiddel mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna, it-tnaqqis riferut fit-tieni indent ta' l-Artikolu 18(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ma japplikax.

▼B

L-Artikolu 5

L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 u l-Artikolu 11(a) tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 huma issa mħassra.

L-Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 259/98 huwa issa mħassar. Iżda, ikompli jgħodd għall-provvisti ta' l-għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità li għalihom avviż ta' l-offerta kien ippublikat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tieghu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Jgħodd għall-provisti ta' l-għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità li għalihom avviż ta' l-offerta kien ippublikat fid-data jew wara tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot kollu kemm hu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

ANNESS

Entrati msemmija fl-ewwel subparagrafu fl-Artikolu 3(3):

— *Bil-Bulgaru:*	Хранителна помощ от Общността — Дейност № …/… или Национална хранителна помощ
— *Bl-Ispanjol:*	Ayuda alimentaria comunitaria — Accion nº …/… o Ayuda alimentaria nacional
— *Biċ-Ċekożlovakk:*	Potravinová pomoc Společenství — akce č. …/… nebo vnitrostátní potravinová pomoc
— *Bid-Daniż:*	Fællesskabets fødevarehjælp — Aktion nr. …/… eller National fødevarehjælp
— *Bil-Ġermaniż:*	Gemeinschaftliche Nahrungsmittelhilfe — Maßnahme Nr. …/… oder Nationale Nahrungsmittelhilfe
— *Bl-Eston:*	Ühenduse toiduabi — programm nr …/… või siseriiklik toiduabi
— *Bil-Grieg:*	Κοινοτική επισιτιστική βοήθεια — Δράση αριθ. …/… ή εθνική επισιτιστική βοήθεια
— *Bl-Ingliż:*	Community food aid — Action No …/… or National food aid
— *Bil-Franċiż:*	Aide alimentaire communautaire — Action nº …/… ou Aide alimentaire nationale

▼M4

— *Bil-Kroat:*	Pomoć Zajednice u hrani — Akcija br. …/… ili nacionalna pomoć u hrani

▼M3

— *Bit-Taljan:*	Aiuto alimentare comunitario — Azione n. …/… o Aiuto alimentare nazionale
— *Bil-Latviju:*	Kopienas pārtikas atbalsts — Pasākums Nr. …/… vai Valsts pārtikas atbalsts
— *Bil-Litwan:*	Bendrijos pagalba maisto produktais — Priemonė Nr. …/… arba Nacionalinė pagalba maisto produktais
— *Bl-Ungeriż:*	Közösségi élelmiszersegély — … számú intézkedés/… vagy Nemzeti élelmiszersegély
— *Bil-Malti:*	Għajnuna alimentari komuni — Azzjoni nru …/… jew Għajnuna alimentari nazzjonali
— *Bl-Olandiż:*	Communautaire voedselhulp — Actie nr. …/… of Nationale voedselhulp
— *Bil-Pollakk:*	Wspólnotowa pomoc żywnościowa — Działanie nr …/… lub Krajowa pomoc żywnościowa
— *Bil-Portugiż:*	Ajuda alimentar comunitária — Acção n.º …/… ou Ajuda alimentar nacional
— *Bir-Rumen:*	Ajutor alimentar comunitar — Acțiunea nr. …/… sau Ajutor alimentar național
— *Bis-Slovakk:*	Potravinová pomoc Spoločenstva — Akcia č. …/… alebo Národná potravinová pomoc
— *Bis-Sloven:*	Pomoč Skupnosti v hrani — Akcija št. …/… ali državna pomoč v hrani
— *Bil-Finlandiż:*	Yhteisön elintarvikeapu — Toimi nro …/… tai kansallinen elintarvikeapu
— *Bl-Iżvediż:*	Livsmedelsbistånd från gemenskapen — Aktion nr …/… eller Nationellt livsmedelsbistånd